**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU, L-ONOR. ROBERT ABELA, MAGĦMULA FIS-SEDUTA 141 TAT-3 TA' LULJU 2023 DWAR L-IMPENJI INTERNAZZJONALI TIEGĦU FIX-XHUR TA' QABEL**

Sur President,

Fl-impenji internazzjonali diversi tal-aħħar xhur bqajt inwassal il-viżjoni ta' pajjiżna; fuq quddiem nett il-potenzjal u r-rwol tal-Mediterran fil-bidliet kbar li għandna quddiemna bħala pajjiż u bħala Unjoni Ewropea.

Reġa' kelli l-okkażjoni li nimbotta dawn il-prinċipji meta nhar il-Ħamis, 29 u l-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju, iltqajna bħala mexxejja fil-Kunsill Ewropew.

L-Ukrajna, l-ekonomija, is-sigurtà u d-difiża, l-immigrazzjoni u temi oħra relatati ma' affarijiet barranin kienu lkoll fuq l-aġenda ta' dan il-Kunsill Ewropew.

Sur President,

Ippermettili nibda b'referenza għall-immigrazzjoni irregolari. Sfida enormi, li tibqa' tħalli pressjoni u tagħti wkoll aħbarijiet ta' swied il-qalb bi traġedji bejn sema u ilma.

Fuq livell politiku qed nara iktar realizzazzjoni ta' kemm il-kwistjoni ta' immigrazzjoni irregolari hija sfida tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

Pajjiżi bħall-Olanda u d-Danimarkah  qed iħabbtu wiċċhom ma' influssi mill-Ukrajna u 'l hekk imsejħa 'secondary movements' – nies li jkunu daħlu fl-Unjoni Ewropea irregolarment minn pajjiżi oħra mbagħad jispiċċaw fit-territorju tagħhom.

Għandek ukoll il-pajjiżi tal-fruntieri – bħalna u l-Italja fiċ-ċentru tal-Mediterran, l-Ispanjoli fin-naħa tal-Punent tal-Mediterran, il-Griegi u ċ-Ċiprijotti fil-Lvant tal-Mediterran, u pajjiżi li għandhom fruntieri fuq l-art.

Fil-Kunsill ta' Frar din id-diskussjoni ukoll kienet fuq l-aġenda u bħal dejjem is-suġġett, qanqal reazzjonijiet diversi u mqanqla.

Sakemm għaddej dan kollu reġa' kellna inċidenti bħalma kien hemm ftit jiem ilu barra l-Greċja. Imwiet bejn sema u ilma. Snin twal ta' diskussjonijiet ma wasslux biex ikunu evitati iktar traġedji bħal dawn.

Għalhekk ċirkostanzi bħal dawn mhux għodda f'idejn min irid jattakka l-Gvernijiet jew in-nies ta' salvataġġ iridu jispiċċaw, kif ġara fil-konfront tal-Gvern Grieg. Iżda, għandhom iservu biex ifakkruna kemm irridu niġġieldu b'saħħa u qawwa lit-traffikanti tal-bnedmin u l-kriminalità organizzata li jisfruttaw lil dawn il-persuni vulnerabbli.

Iva, nibqgħu sodi dwar dan is-suġġett għax nemmnu bis-sħiħ li l-mod kif nistgħu nindirizzaw din l-isfida b'mod effettiv hi billi nsaħħu l-ġlieda kontra t-traffikanti tal-bnedmin.

Rajna wisq eżempji ta' kif meta d-dgħajjes ikunu bejn sema u ilma jkun tard wisq. Irridu naħdmu qabel ma' dawn in-nies jispiċċaw vittma ta' ċrieki ta' kriminali li japprofittaw rwieħhom minnhom.

Filwaqt li m'hemmx dubju li din hi t-triq 'il quddiem, din l-għażla tiġi wkoll bil-pressjonijiet tagħha. Għadni s'issa, għada stess, tiela' nixhed f'kawżi l-Qorti biex niddefendi l-pożizzjoni li ħa pajjiżna, inkluż f'mument ta' emerġenza ta' saħħa pubblika. Dan minbarra l-proċess li għaddejt minnu flimkien mas-suldati tagħna meta esponenti tal-Oppożizzjoni riedu jitfgħuna l-ħabs. U dan għax salvajna l-ħajjiet. Però nibqgħu naħdmu fid-direzzjoni li qbadna għax l-obbligi ta' pajjiżna nonorawhom dejjem, fl-istess ħin li nħarsu l-interess nazzjonali u le, ma nkunux għodda f'idejn min jorganizza dawn il-vjaġġi.

Konsistenti ma' dan irridu li dawk li għadhom fruntieri li jmissu ma' tagħna, speċjalment fin-naħa ta' fuq tal-Afrika, ikollhom ir-riżorsi kollha meħtieġa biex huma wkoll jiġġieldu t-traffikanti tal-bnedmin.

Iżda wkoll riżorsi biex joħolqu l-ġid u l-opportunitajiet f'pajjiżhom stess, ħalli n-nies ma jkollhomx għalfejn jissugraw ħajjithom f'vjaġġi perikolużi bil-baħar.

Biex il-mudell tat-traffikant indgħajfuh irridu nenfasizzaw fuq ir-ritorn – jiġifieri li min jidħol irregolarment u ma jkunx eliġibbli għall-ażil, ikun mibgħut lura pajjiżu. Jekk inħallu s-sistema tal-ażil tiġi abbużata, inkunu inġusti ma' min jistħoqqlu protezzjoni.

Hawn nixtieq insellem lill-Ministru Byron Camilleri u t-tim tiegħu fl-Intern għall-mod li bih qed jaħdmu f'dan il-qasam. Bi strateġija ċara rnexxielna nibnu alleanzi li bihom qed inkunu iktar effettivi.

Ma bqajniex idejna fuq żaqqna nistennew is-solidarjetà. Għalkemm irrid ngħid li fl-aħħar jiem reġa' kellna pajjiżi fl-Unjoni li wrew solidarjetà magħna u ħadu numru ta' immigranti minn Malta. Nirringrazzjahom minn hawn ta' dan.

Sfortunament fl-aħħar Kunsill ma qbilniex fuq konklużjonijiet miktuba minħabba teknikalità dwar referenza fuq modalitajiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

Iżda, dak li semmejt jiġbor fih l-ispirtu tad-diskussjonijiet fl-aħħar xhur u fuq kollox il-pożizzjoni ċara tagħna fuq is-suġġett.

Niġi issa għall-ekonomija.

Dan kien suġġett li bdejna niddiskutuh lejn l-aħħar tas-sena li għaddiet meta fl-isfond ta' rati ta' inflazzjoni fuq livell globali li bdew jitilgħu, l-akbar pajjiżi fid-dinja bdew ifasslu reazzjonijiet.

Meta l-Istati Uniti adottaw l-Inflation Reduction Act, rajna l-Unjoni Ewropea tħejji reazzjoni b'saħħitha li tagħmilha attraenti għan-negozji strateġikament importanti li jibqgħu jikbru fl-Unjoni stess.

Ħarisna lejn inċentivi fiskali, inċentivi permezz ta' skemi u li nneħħu ostakli regolatorji biex nipprovdu qafas li jkun fost l-aqwa fid-dinja.

L-Unjoni Ewropea kollha ħasset li trid tkun soda biex ma titlef xejn minn dak li għandha llum. Aħseb u ara kemm hu kruċjali li nħaffu fid-deċiżjonijiet u nkunu aggressivi bħala pajjiż żgħir. Kemm irridu nibqgħu naħdmu kuljum għal tkabbir ekonomiku sostenibbli. Xejn ma jista' jittieħed for granted!
Għalhekk poġġejt 'il quddiem erba' punti prinċipali.

1. L-ewwel, li dak li hu meqjus bħala ‘low hanging fruit’ jiġi sfruttat il-potenzjal tiegħu. Proġetti li huma ta’ interess komuni għall-Unjoni Ewropea, f’oqsma bħaċ-ċipep li għandna bżonnhom tant fil-qalba lejn ir-rinnovabbli, ridna naraw li jiġu aċċellerati fl-implimentazzjoni tagħhom.

Niftakarni nitkellem dwar dan ma’ Thierry Breton lura f’Lulju ta’ 2021 fil-kuntest tal-proġett tal-ST Microelectronics. Proġett li ġie approvat riċentament mill-Kummissjoni Ewropea li hu allineat mal-viżjoni ekonomika tagħna msejsa fuq industriji li jħallu valur miżjud għoli u li huma bbażati fuq il-ħiliet.

2. It-tieni – il-konnettività. Konnettività tajba hi importanti kemm għal setturi bħall-enerġija imma anke għat-turiżmu, prodotti bażiċi, u trasport.

Jien dejjem inkun fost l-aktar voċiferi fejn jidħol it-trasport bil-baħar u bl-ajru. Irridu nindukraw dawn is-setturi għaliex jekk nisparaw f’saqajna u ntuhom bis-sieq, strateġikament ikollna problema biex in-nies jiċċaqalqu u anke mil-lat kummerċjali.

3. It-tielet punt tagħna kien dejjem ikun fuq is-Single Market. Irridu suq li jaħdem, b’mod ġust, għal kulħadd. Ma jistax ikun suq *à la carte* li jgħodd għall-prodotti, u għas-servizzi le. Ma jistax ikun suq li jgħodd għall-kbar u mhux għaż-żgħar, jew li liċ-ċittadini ta’ pajjiżi żgħar jikklassifikahom bħala ċittadini tat-tieni klassi.

Għalhekk jien dejjem semmejt oqsma bħall-prodotti mediċinali – fejn pajjiżna ħafna drabi qed jispiċċa vittma tad-daqs tas-suq tiegħu għax l-esportaturi jaraw is-suq tagħna bħala żgħir wisq biex jissupplixxuh.

Waħda mill-konklużjonijiet tal-aħħar Kunsill Ewropew issa qed titlob b’mod espliċitu li jitħaffu n-negozjati dwar il-Pakkett tal-Farmaċewtika li ħejjiet il-Kummissjoni Ewropea.

Fost l-oħrajn, dan jaħseb biex il-kumpaniji li jipproduċu l-mediċini jiftħu l-aċċess għall-prodotti farmaċewtiċi tagħhom għall-pazjenti f’kull pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser li f’kuntest ta’ suq żgħir bħal dak ta’ pajjiżna, Malta tgawdi għax ikun mistenni li jiżdied l-aċċess għall-mediċini.

Bl-istess mod nitkellem dwar is-servizzi. Il-prinċipju ta’ suq li jkun suq ħieles għas-servizzi wkoll jagħtina l-opportunità li nkomplu nikbru fl-oqsma diġitali – bħall-Igaming, il-Gaming, is-servizzi finanzjarji u oħrajn.

Hawn f’pajjiżna rajna l-industrija tkompli tikber u meta jkolli opportunità, bħalma kelli l-ġimgħa li għaddiet, li nżur konferenzi li jsiru dwar dan is-settur ninduna kemm hu għaqli li nkomplu nindukrawh. Dan bħalma għamilna bil-leġiżlazzjoni riċenti li tipproteġi operaturi fis-settur minn ġudizzji barranin f’ċertu każijiet eċċezzjonali.

L-istess se nagħmlu fid-dawl ta’ sfidi internazzjonali u regolatorji oħra – b’ħidma mill-qrib magħhom ħa naraw kif se nibqgħu ntuhom ċertezza u serħan il-moħħ li se nkunu ġurisdizzjoni serja, reputabbli u li tipprovdi l-aħjar qafas għal dawn l-industriji.

4. Ir-raba’ punt hu dejjem in-negozji ta’ daqs żgħir u medju. Għaliex filwaqt li aħna

investimenti li għalina meqjusa bħala kbar – bħal ma' kien dak li inawgurajna fi Trident Park, in-negozji ta' daqs żgħir u medju huma s-sinsla tal-ekonomija tagħna.

Għalhekk bħala pajjiż nemmnu li jrid ikun hemm kundizzjonijiet ekwi għal kulħadd, għaċ-ċittadini tagħna u għan-negozji tagħna, fosthom l-intrapriżi żgħar u medji biex ilkoll ingawdu mill-benefiċċji tas-Suq Waħdieni.

Suġġett ieħor importanti fl-aħħar xhur kien l-Ukrajna.

Insemmi hawn ukoll is-Summit tal-Kunsill tal-Ewropa li sar f'Reykjavik u fih iddominat id-diskussjoni dwar il-paċi, il-ħidma fuq ir-reġistru tad-danni fl-Ukrajna u l-possibiltajiet tal-użu ta' assi ffriżati Russi.

Il-ġimgħa li għaddiet waqt li bqajna nikkundannaw l-aggressjoni mhux provokata u nisħqu fuq il-kontabbiltà ta' dawk responsabbli, kompliet ukoll il-ħidma li wasslet biex ġie addottat il-ħdax-il pakkett ta' sanzjonijiet. Fl-istess ħin intensifika ix-xogħol biex naraw li ma jkunx hemm evażjoni tas-sanzjonijiet u żidna l-għajnuna li tagħti l-Unjoni Ewropea lill-Ukrajna.

Pajjiżna kien, għadu u ser jibqa' jimplimenta dawn is-sanzjonijiet b'mod sħiħ.

Se nibqgħu nikkontribwixxu wkoll lejn sforzi umanitarji filwaqt li naqblu li l-Unjoni tibqa' tgħin lill-Ukrajna.

Simili għal kif nagħmlu fid-diskussjoni dwar is-sigurtà u d-difiża, dejjem intennu li kwalunkwe kontribut irid isir b'rispett sħiħ lejn il-politika tal-pajjiżi rispettivi dwar is-suġġett. B'hekk nibqgħu nikkontribwixxu b'rispett sħiħ lejn dak li tgħid il-Kostituzzjoni tagħna.

Fil-fatt bdejna l-aħħar Kunsill Ewropew b'laqgħa mas-Segretarju Ġenerali tan-NATO Jens Stoltenberg fejn tħadditna fuq il-koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO. Hawn ukoll sħaqt li kollox għandu isir b'rispett sħiħ lejn il-karatteristiċi speċifiċi tal-politika ta' sigurtà u difiża tal-istati membri kollha.

Fl-istess ħin naraw lok ta' koordinament ta' sforzi, speċjalment fuq oqsma bħall-informazzjoni u cybersecurity, kif ukoll li nsaħħu inizjattivi li jgħinu l-forzi tagħna jkollhom aċċess aħjar għal provvisti li jkollhom bżonn minn żmien għal żmien.

Irrid insemmi wkoll id-diskussjonijiet dwar it-tkabbir tal-Unjoni. Diskussjonijiet ta' relevanza speċjali għall-pajjiżi tal-Balkani.

Din diskussjoni li se tkun topika ħafna fix-xhur li ġejjin. Fuq naħa hemm ir-riperkussjonijiet fuq l-Unjoni kif nafuha illum li rridu nesploraw eżatt x'ser ikunu u fuq naħa oħra rridu naraw li nżommu lil dawn il-pajjiżi viċin u li l-aspirazzjonijiet Ewropej tagħhom ma noqtluhomx.

M'hemmx xi ngħidu li r-relazzjonijiet mal-Afrika, speċjalment mal-pajjiżi tan-naħa ta' fuq tal-Afrika, ikunu dejjem fuq l-aġenda tagħna bħala Malta. U mhux biss b'rabta mal-immigrazzjoni li semmejt iktar qabel.

Irridu nkunu attenti lejn dak li qed jiġri fit-Tuneżija. Biex nipprevenu milli jkollna ripetizzjoni ta' dak li ġara fil-Libja. Ma nistgħux inħallu l-instabbiltà tikber hemm ukoll u rridu ngħinu b'kull mezz possibbli li għandna għaliex inkella l-problema tispiċċa fix-xtut tagħna. Il-ġimgħa d-dieħla

ser inkun fit-Tuneżija biex inkomplu l-ħidma tagħna magħhom.

B'mod pożittiv ninnota li sar progress f'dan ir-rigward – bl-iffirmar ta' MoU bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija li jħares lil hinn mill-immigrazzjoni. Anke mal-Libja, ġew mogħtija riżorsi lill-gwardja tal-kosta biex ikunu jistgħu jintużaw f'operazzjonijiet ta' salvataġġ.

U ġaladarba qed nitkellmu fuq ir-reġjun fl-aħħar jiem tkellimna ħafna fuq il-potenzjal tar-rinnovabbli fil-Mediterran u l-potenzjal ta' koperazzjoni ma' pajjiżi fin-naħa ta' fuq tal-Afrika.

Personalment tkellimt dwar dan fis-Summit tal-Komunità Politika Ewropea fil-Moldova. Insellem lill-Ministru tal-Enerġija Miriam Dalli li ħadmet dwar dan b'mod tajjeb ħafna fil-laqgħa tal-Ministri tal-Enerġija tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea tal-Mediterran. Fl-aħħar jiem iffirmajna wkoll ftehim mal-Libja fi żjara li kellna dwar hekk fejn reġa' kelli laqgħa tajba mal-Prim Ministru Dbeibah. Imbottajt din l-aġenda f'Ruma wkoll fil-laqgħa pożittiva ħafna mal-Prim Ministru Meloni.

Sur President,

Dan hu li ddiskutejna fl-aħħar jiem, li jirrifletti wkoll temi oħra li qamu f'laqgħat li kellna fl-aħħar xhur. Irrid nirringrazzja wkoll lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin Ian Borg għall-ħidma proattiva tiegħu.

Sur President qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Frar, Marzu u Ġunju, u kif ukoll id-dikjarazzjoni tad-disa' Ministri tal-Enerġija ffirmata f'Malta f'Mejju.

Il-ħidma għaddejja b'ritmu b'saħħtu fid-diversi fora li aħna membri tagħhom, fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda, iżda wkoll fuq livell bilaterali. Hija ħidma li se tkompli wkoll fil-jiem li ġejjin, biex imbagħad f'Settembru nilqgħu lid-disa' mexxejja tal-pajjiżi tal-Mediterran f'Malta u lill-President Von der Leyen u Michel f'pajjiżna biex nintensifikaw il-koordinament ta' ħidmietna fuq dan ir-reġjun hekk importanti.

F'dan kollu kull darba se mmexxu 'l quddiem dak li nemmnu fih bħala pajjiż: paċi, ġustizzja, ugwaljanza, opportunitajiet.

Għax dan gvern li jaħdem bi strateġija ċara. Hu x'inhu s-settur. U għalhekk ikompli jmexxi lil Malta u l-interessi tagħha 'l quddiem.